

Brussell, 13 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14190/17

CFSP/PESC 996
CSDP/PSDC 622
COPS 351
POLMIL 137
CIVCOM 218

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Novembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13963/17	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà u d-difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà u d-difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE, adottati mill-Kunsill fit-3574 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Novembru 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA FIL-KUNTEST TAL-ISTRATEĠIJA GLOBALI TAL-UE

1. Il-Kunsill jenfasizza l-progress sinifikanti li sar fit-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża, b'segwitu għall-Istrateġija Globali tal-UE, skont il-gwida regolari mill-Kunsill Ewropew u waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar dawn il-kwistjonijiet. Huwa għadu impenjat fl-implimentazzjoni tal-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE fit-tweġiba għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab u l-protezzjoni tal-UE u ċ-ċittadini tagħha. Għal dan il-għan, il-Kunsill jappella għal aktar ħidma bil-ħsieb li tissawwar Unjoni aktar effikaċi, kapaċi u magħquda fis-sigurtà u d-difiża u tissaħħaħ il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tagħha.

Fl-ambjent tas-sigurtà instabbli u inċert ta' bħalissa, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jagħmlu iżjed, inkluż billi jiddedikaw aktar riżorsi suffiċjenti, sabiex jikkontribwixxu b'mod deċiżiv għall-isforzi kollettivi u jerfgħu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħhom filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-impenji legali. Billi jindirizza aktar il-bżonnijiet tas-sigurtà u d-difiża attwali u futuri tal-Ewropa, dan ser itejjeb il-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala provveditur tas-sigurtà u l-awtonomija strateġika tagħha, u jsaħħaħ il-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab. F'dan ir-rigward, dan ser isaħħaħ ukoll il-kontribut Ewropew għal ordni globali bbażat fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. Dan ser jiżgura wkoll koordinazzjoni tajba u tisħiħ reċiproku bejn l-UE u n-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-inklużività, ir-reċiproċità u l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, kif ukoll tissaħħaħ ir-relazzjoni transatlantika.

Kooperazzjoni Strutturata Permanenti

2. Il-Kunsill jilqa' n-notifika komuni tal-lum mill-Istati Membri dwar l-intenzjoni tagħhom li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), li tinkludi l-lista ta' aktar impenji vinkolanti li jieħdu skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fl-oqsma tal-investment fid-difiża, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-kontribut operazzjonali, kif ukoll il-proposti għall-governanza. Dan jirrappreżenta pass storiku 'l quddiem fl-interess tas-sigurtà u d-difiża Ewropea. In-notifika komuni tibqa' miftuħa għall-Istati Membri l-oħra li għadhom jixtiequ jinkitbu fiha.

Bil-ħsieb li tiġi stabbilita PESCO sal-aħħar tas-sena, kif previst mill-Kunsill Ewropew, il-Kunsill:

- Jistenna b'interess li jadotta Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 46(2) TUE qabel l-aħħar tas-sena.
- Jilqa' l-intenzjoni ta' dawk l-Istati Membri li jiddeċiedu li jieħdu sehem fil-PESCO li jippreżentaw, sal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill, il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali rispettivi li jiddeskrivu l-kapaċità tagħhom li jimplimentaw l-impenji li ħadu, li ser ikunu wkoll il-bażi għal valutazzjoni annwali.
- Jissottolinja l-importanza li dawk l-Istati Membri li beħsiebhom jieħdu sehem fil-PESCO jidentifikaw l-ewwel proġetti kollaborattivi tal-PESCO li għandu jintlaħaq qbil dwarhom meta l-PESCO tiġi formalment stabbilita, kemm fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll fid-dimensjoni operazzjonali, bil-għan li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli u li titjieb l-effikaċja ġenerali tagħhom, b'appoġġ għal-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE u t-tliet prijoritajiet strateġiċi tagħha. Il-proposti li saru s'issa għandhom jingħataw prijorità bil-ħsieb ta' lista ffokata tal-proġetti tal-PESCO. Il-Kunsill jilqa' f'dan il-kuntest l-appoġġ mogħti mill-EDA u s-SEAE (inkluż l-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea) fl-iżvilupp ta' approċċ koerenti u metodoloġija ta' valutazzjoni fid-dawl tal-mekkaniżmu tal-għażla tal-proġetti futuri.

- Skont in-noti ta' notifika komuni li l-istati terzi jistgħu eċċezzjonalment jiġu mistiedna mill-parteċipanti tal-proġetti, skont l-arranġamenti ġenerali li għandha tittieħed deċiżjoni dwarhom fiż-żmien dovut mill-Kunsill skont l-Artikolu 46(6) TUE. Ikun jeħtieġ li jipprovdu valur miżjud sostanzjali għall-proġett tal-PESCO, jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-PESCO u l-PESK u jissodisfaw impenji aktar diffiċli. Dan mhux ser jagħti setgħat ta' deċiżjoni lil stati terzi bħal dawn fil-governanza tal-PESCO. Barra minn hekk, il-Kunsill f'format tal-PESCO ser jiddeċiedi jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-arranġamenti ġenerali jkunux ġew issodisfati minn kull stat terz mistieden mill-parteċipanti tal-proġett rispettivi.
- Jistenna b'interess implimentazzjoni effikaċi u koordinata tajjeb tal-PESCO, fejn isir l-aħjar użu mill-istrutturi eżistenti kollha.

Fond Ewropew għad-Difiża

3. Il-Kunsill jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għad-Difiża, b'mod partikolari t-tnedija tal-Azzjoni Preparatorja dwar ir-Riċerka fid-Difiża u l-eżami rapidu tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP). B'kont meħud tal-elementi rilevanti kollha msemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2017, il-Kunsill jistenna b'interess li jintlaħaq ftehim dwar approċċ ġenerali qabel l-aħħar tal-2017. Dan iwitti t-triq għal ftehim mal-Parlament Ewropew mill-aktar fis possibbli fl-2018 u li jiġi definit malajr programm ta' ħidma sabiex ikunu jistgħu jiġu appoġġati l-ewwel proġetti sal-2019. Il-Kunsill jappella biex isir użu sħiħ mill-potenzjal tal-EDA fl-għoti ta' appoġġ possibbli lill-Istati Membri rigward il-Fond Ewropew għad-Difiża. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jibdew diskussjonijiet dwar l-istrumenti finanzjarji tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jistenna bil-ħerqa li jirċievi proposti għal programmi ddedikati għal wara l-2020 fil-binarji tar-riċerka u l-kapaċità tal-Fond Ewropew għad-Difiża sas-sajf tal-2018.

Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża

4. Filwaqt li jfakkar b'mod partikolari fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017, il-Kunsill jilqa' t-tnedija tal-eżerċizzju ta' prova tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri kollha jieħdu kemm jista' jkun sehem fih. Huwa jenfasizza li l-CARD ser jgħin fit-tħaddim tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet u fl-identifikazzjoni ta' oqsma ġodda għat-tnedija ta' proġetti kooperattivi, li jistgħu jitqiesu fil-qafas tal-PESCO u/jew tal-Fond Ewropew għad-Difiża. Għal dawk l-Istati Membri li jieħdu sehem fil-PESCO, il-valutazzjoni annwali tal-progress lejn l-ilħuq tal-impenji tal-PESCO għandha tibbaża kemm jista' jkun fuq l-informazzjoni mogħtija fil-qafas tal-eżerċizzju tal-CARD. Il-Kunsill jistenna b'interess li r-rapport dwar l-eżerċizzju ta' prova tal-CARD, li jwitti t-triq għal aktar gwida politika dwar il-koerenza tal-qagħda tal-kapaċitajiet Ewropej qabel l-ewwel implimentazzjoni sħiħa tal-CARD li għandha tiġi mnedija fl-2019. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-CARD, kif ukoll il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet, u l-proċessi rispettivi tan-NATO, bħall-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO, fejn ir-rekwiżiti huma sovrapposti, filwaqt li jirrikonoxxi n-natura differenti taż-żewġ organizzazzjonijiet u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

Koerenza bejn l-inizjattivi tad-difiża tal-UE

5. Il-Kunsill jenfasizza li l-PESCO, il-CARD u l-Fond Ewropew għad-Difiża flimkien ser jgħinu biex ikun hemm bidla sostanzjali fil-kooperazzjoni fid-difiża bejn l-Istati Membri, fil-qasam tad-difiża, u ser japprofondixxi l-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2016. Dawn it-tliet inizjattivi separati iżda li jissaħħu reċiprokament ser jikkontribwixxu għat-titjib fl-effikaċja u fir-riżultati fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża Ewropea billi jqarrbu l-forzi armati tal-Istati Membri lejn xulxin u jsaħħu l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), permezz ta' kollaborazzjoni u koordinazzjoni aħjar. Il-Kunsill ikompli jirrikonoxxi l-importanza tas-sigurtà tal-provvista abbażi tal-impenji politiċi tal-Istati Membri. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, biex tippromwovi fejn adatt aktar sinerġiji u koordinazzjoni bejn il-proċessi rispettivi, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

Katalgu tar-Rekwiżiti 2017

6. Illum, il-Kunsill japprova wkoll il-Katalgu tar-Rekwiżiti 2017 (RC2017) li jidentifika r-rekwiżiti tal-kapaċità militari tal-PSDK li jirriżultaw mil-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE kif maqbul mill-Kunsill f'Novembru 2016, b'kont meħud tat-tliet prijoritajiet strateġiċi li jirriżultaw mill-Istrateġija Globali tal-UE. Abbażi tal-RC2017, li issa huwa aktar ġenerali u jqis ukoll it-theddid ġdid, il-ħidma ser tkompli l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha biex tidentifika u tipprijoritizza n-nuqqasijiet fil-kapaċità militari tal-UE u tikkontribwixxi għall-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet bil-ħsieb tal-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE.

Gruppi tattiċi tal-UE

7. Il-Kunsill itenni l-bżonn kontinwu li tissaħħaħ it-tħejjija tal-Gruppi tattiċi tal-UE, il-modularità tagħhom u l-finanzjament effikaċi tagħhom, anke sabiex jiġi ffaċilitat it-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi dwar l-iskjerament, skont il-Konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017.

Sett uniku ta' forzi

8. Il-Kunsill ifakkar li, peress li l-Istati Membri għandhom "sett uniku ta' forzi" li jistgħu jużaw f'oqfsa differenti, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri permezz tal-PSDK u bl-użu tal-istrumenti tal-UE b'hekk ser jgħin ukoll fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet potenzjalment disponibbli għan-Nazzjonijiet Uniti u n-NATO.

Titjib tal-Mobbiltà Militari

9. Fl-ambjent tas-sigurtà attwali, il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata u li titthaffef il-mobbiltà militari għall-moviment effettiv, f'waqtu u sikur tal-forzi u l-assi militari fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha żdiedet b'mod sinifikanti. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-preżentazzjoni f'waqtha tal-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni li tindika linji ta' azzjoni possibbli għall-UE biex tiffaċilita u tħaffef il-mobbiltà militari madwar it-territorju tagħha, inkluż billi timmassimizza s-sinerġiji ċivili/militari bejn l-istrumenti tal-UE. F'dan il-kuntest, huwa jilqa' l-ħidma mwettqa fil-qafas tal-EDA, inkluż il-grupp ta' ħidma ad-hoc, li ħadmet mill-qrib mas-SEAE u mas-servizzi tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġi ppreżentat pjan direzzjonali dettaljat b'kompiti u responsabbiltajiet rakkomandati, inkluż skadenzi ambizzjużi anke għall-benefiċċju tal-PSDK. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni li, sa Marzu 2018, jippreżentaw Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari li jibni fuq dawn ir-riżultati. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkollha b'mod komprensiv il-kwistjonijiet infrastrutturali, proċedurali u regolatorji fid-dawl tar-rekwiżiti militari definiti mill-Istati Membri biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-persunal u l-assi fl-UE kollha. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-impenn tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-PESCO biex jissimplifikaw u jistandardizzaw it-trasport militari transfruntier. Dawn l-isforzi għandhom jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati pertinenti l-oħra kollha u għandhom ikunu koerenti mal-inizjattivi rispettivi tan-NATO f'dan il-qasam. Il-Kunsill jagħraf ir-responsabbiltà tal-Istati Membri f'dak li jikkonċerna deċiżjonijiet nazzjonali sovrani dwar movimenti militari u ser jerġa' jikkunsidra regolarment din il-kwistjoni.

Tisħiħ tad-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Prijoritajiet għall-immaniġġar ċivili ta' kriżijiet

10. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut essenzjali tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK għat-tliet priyoritajiet strateġiċi derivati mill-Istrateġija Globali tal-UE, jiġifieri, li jingħata rispons għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni, li jissaħħu l-kapaċitajiet tas-sħab u li jiġu protetti l-UE u ċittadini tagħha. Il-Kunsill itenni li t-tisħiħ tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili jibqa' l-funzjoni essenzjali tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK, u jissottolinja wkoll l-importanza tal-SSR u l-kompiti ta' monitoraġġ u l-possibbiltà li jiġu skjerati missjonijiet b'mandati eżekuttivi. Id-dimensjoni ċivili tal-PSDK hija għodda importanti tar-rispons estern usa' tal-UE, anke biex jiġu ffaċċjati l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà, inkluż dawk marbuta mal-migrazzjoni illegali, it-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima. B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2016 u ta' Marzu u Mejju 2017, il-Kunsill jesprimi d-determinazzjoni tiegħu li jiżviluppa u jsaħħaħ aktar ir-rwol importanti li jista' jkollha d-dimensjoni ċivili tal-PSDK flimkien ma' strumenti oħra tal-UE biex jiġu indirizzati kemm l-isfidi l-ġodda kif ukoll dawk li ilhom jeżistu fil-qasam tas-sigurtà.
11. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-Approċċ Integrat tal-UE għall-Konflitti u l-Kriżijiet, u l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-PSDK u l-atturi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn is-sigurtà esterna u interna kif ukoll sinerġiji ċivili-militari inkluż il-kooperazzjoni f'dan il-qasam u l-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab. Rigward il-kooperazzjoni bejn il-PSDK u l-aġenziji fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal progress rapidu fir-rigward tal-iskambji ta' informazzjoni rilevanti u wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell strateġiku u operazzjonali.

12. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistieden lir-RGħ biex, sa kmieni fl-2018, tippreżenta dokument kunċettwali orjentat lejn il-futur. Dan għandu jevalwa kif id-dimensjoni ċivili tal-PSDK għandha tikkontribwixxi aktar b'mod konkret biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda kif ukoll dawk li ilhom jeżistu fil-qasam tas-sigurtà u fejn għandha valur miżjud fi ħdan Approċċ Integrat tal-UE għall-Konflitti u l-Kriżijiet u tul iċ-ċiklu kollu tal-kunflitt, inkluż il-prevenzjoni, it-twissija bikrija, l-immaniġġar ta' kriżijiet, l-istabbilizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi, fost l-oħrajn permezz tat-tisħiħ tar-reżiljenza, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-appoġġ għas-sigurtà u l-istabbiltà. Din il-ħidma għandha ssir f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, is-servizzi tal-Kummissjoni, il-Missjonijiet ċivili tal-PSDK, l-atturi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u partijiet oħra kkonċernati.
13. Il-Kunsill jistieden lir-RGħ biex abbażi ta' dan, sar-rebbiegħa 2018, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-atturi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (inkluż l-aġenziji) u filwaqt li tqis kull informazzjoni rilevanti mingħandhom, tippreżenta Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet Ċivili. Dan ser iħejji l-passi li jmiss fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili.
14. Filwaqt li jibni fuq din il-ħidma u gwida ulterjuri mingħand l-Istati Membri, Patt tad-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, li jinkludi impenn politiku għall-proċess, għandu jiġi miftiehem fl-2018, sabiex jonora l-Livell ta' Ambizzjoni derivat mill-Istrateġija Globali tal-UE. Meta jkun il-każ, diskussjonijiet ta' livell għoli jistgħu jappoġġaw dan il-proċess. Il-Kunsill jistieden lir-RGħ biex tirrapporta dwar il-progress li sar fil-qafas tar-rappurtar tagħha dwar il-pjan ta' implimentazzjoni rigward l-Istrateġija Globali tal-UE.

15. Il-Kunsill itenni kemm hu importanti li l-Unjoni ssir aktar reattiva, flessibbli u rapida fir-reazzjonijiet tagħha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-proposti konkreti biex jiġi implimentat approċċ fuq diversi livelli għad-dimensjoni ċivili tal-PSDK, li jibni fuq strutturi eżistenti. B'mod partikolari, il-Kunsill japprova l-ħolqien tal-kapaċità bażika ta' rispons, magħmula minn Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet imsaħħa kif ukoll minn riżorsi li jitqiegħdu f'Missjonijiet eżistenti. Din il-kapaċità bażika ta' rispons tista' tkun ikkomplementata permezz ta' assi skjerabbli rapidament u elementi ta' ppjanar mill-Istati Membri, kif ukoll, fejn ikun maqbul, timijiet speċjalizzati u formazzjonijiet multinazzjonali bħall-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea. Il-livelli jistgħu jiġu attivati fl-istess ħin u skjerati skont kif meħtieġ u xieraq. L-approċċ fuq diversi livelli ser jiġi implimentat b'mod inklużiv. Ser ikun jeħtieġ li l-Istati Membri, f'konsultazzjoni mill-qrib mas-SEAE u l-Kummissjoni, jagħtu aktar gwida fir-rigward tal-implimentazzjoni, bil-għan li tinkiseb kapaċità ta' reazzjoni ambizzjuża. Il-Kunsill jistieden lir-RGħ biex tistabbilixxi l-kapaċità bażika ta' rispons, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, biex din tkun kompletament operattiva sa Mejju 2018. L-approċċ fuq diversi livelli għandu jiġi rieżaminat sar-rebbiegħa 2019.

Għarfien tas-sitwazzjoni

16. B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2016 u ta' Mejju 2017, il-Kunsill jilqa' l-progress kontinwu fil-promozzjoni tal-għarfien tas-sitwazzjoni ċivili-militari tal-UE, ibbażat fuq l-intelligence, b'mod partikolari permezz tal-allinjament progressiv tad-diversi strutturi tas-SEAE u l-proċeduri eżistenti u l-kooperazzjoni strutturata maċ-Ċentru Satellitari tal-UE (SATCEN). Huwa jappella biex l-Istati Membri jżidu l-partekipazzjoni tagħhom u b'hekk jiffaċilitaw aktar appoġġ ta' intelligence lill-UE, kif ukoll biex l-Istati Membri jipprovdu esperti u sostenn, inkluż għaċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu. Huwa ser jerġa' jikkunsidra din il-kwistjoni fid-dawl tal-progress ulterjuri li jinkiseb.

Finanzjament tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK

17. Il-Kunsill iħeġġeġ t-titjib tad-dispożizzjonijiet finanzjarji u l-arranġamenti tal-ispejjeż komuni tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-UE. F'dan ir-rigward, huwa jistenna b'interess ftehim sa tmiem l-2017 dwar ir-rieżami komprensiv tal-mekkaniżmu Athena għall-amministrazzjoni tal-finanzjament tal-ispejjeż komuni ta' operazzjonijiet tal-UE b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

Ċiberdifiża

18. Il-Kunsill jirrikonoxxi li għandhom jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn iċ-ċiberdifiża u iċ-ċibersigurtà, inkluż b'reazzjoni għal ċiberinċidenti, abbażi tal-implimentazzjoni u l-aġġornament tal-Qafas ta' Politika għaċ-Ċiberdifiża tal-UE tal-2014, u tiġi sfruttata l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża u l-Pakkett dwar iċ-Ċibersigurtà ppreżentat f'Settembru 2017. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, l-eżerċizzji EU CYBRID 2017 u EU PACE 2017, u jħeġġeġ li jinbena fuq it-tagħlimiet meħuda. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri jenfasizzaw ir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ċibernetiċi, iċ-ċibereżiljenza u d-diskrepanza fil-ħiliet, biex ukoll jiproteġu aħjar il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE. Il-Kunsill jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li malajr tiġi stabbilita pjattaforma ta' taħriġ u edukazzjoni ċibernetika. Il-Kunsill barra minn hekk jenfasizza l-possibbiltà li wieħed jisfrutta kompletament l-inizjattivi ta' difiża proposti biex jitħaffef l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċibernetiċi adegwati fl-Ewropa u jagħraf l-opportunitajiet fl-iżvilupp possibbli ta' proġetti ta' ċiberdifiża permezz tal-PESCO, jekk l-Istati Membri li jieħdu sehem fil-PESCO jqisuh meħtieġ.

Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp

19. Il-Kunsill jilqa' l-passi pożittivi meħuda rigward Regolament emendat dwar l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), li jwitti t-triq għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp f'pajjiżi sħab u jistenna b'interess l-implimentazzjoni tiegħu. Huwa jfakkar fil-Konklużjonijiet preċedenti tiegħu tat-18 ta' Mejju u tas-6 ta' Marzu 2017, u tal-14 ta' Novembru 2016 dwar il-hteġa li jiġu koperti kompletament ir-rekwiżiti kollha biex il-pajjiżi sħab jiġu appoġġati aktar fil-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-kriżijiet minnhom infushom, inkluż fil-kuntest tal-missjonijiet tal-PSDK. Huwa jtenni l-ambitu ġeografiku flessibbli tas-CBSD u jappella lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex malajr jiġu identifikati u żviluppati proġetti ġodda. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-proposta tiegħu għal ħidma fuq strument iddedikat biex jipprovdi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'kont meħud tal-ħidma preparatorja meħtieġa.
-